# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 22 ta' Ġunju, 2022.**

**Numru 43**

**Rikors numru 1080/13/1 JPG**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**

**v.**

**Id-Direttur Ġenerali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u l-Avukat Dr. Anthony Cutajar LL.D. u l-Prokuratur Legali Noel Scerri nominati kuraturi deputati b'digriet tat-12 ta' Frar 2014 sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Jason Sammut; u b'digriet tat-28 ta' Ottubru, 2015, ġew estromessi Dr. Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Noel Scerri b'riserva ta' dak kollu dovut lilhom bħala kuraturi deputati skont il-liġi *stante* li Jason Sammut ma għadux assenti**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta` attriċi ppreżentat minnha fil-11 ta' Novembru, 2013, li permezz tiegħu ngħad:

> "1. Illi l-bank attur huwa kreditur ta' Jason Sammut liema kreditu huwa naxxenti minn kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Ian Castaldi Paris datat 11 ta'

Settembru 2006, liema self kien ġie kawtelat b'iskrizzjoni ta' privileġġ speċjali u ipoteka speċjali Numru I 16626/2006, kopja ta' liema kuntratt u iskrizzjoni qed jiġu hawn annessi u markati dok. "A";

2. Illi dan Jason Sammut huwa direttur tas-soċjeta` Flower Power (Sales) Limited (C13901), u din l-istess soċjeta` kienet debitriċi tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) fis-somma ta' mija u disgħin elf u mija u disgħa u ħamsin Euro (€ 190,159.00) kif jirriżulta minn ittra uffiċċjali tat-2 ta' Lulju 2010, kopja annessa u markata dok. "B";

3. Illi in segwitu id-Direttur Generali konvenut ipproċeda biex iskriva privileġġ speċjali numru 10820/2010 datat 26 ta' Lulju 2010, fuq proprjeta` appartenenti lill-imsemmi Jason Sammut u ċioe` l-appartament numru tmienja (8) fil-blokk "High Clere Court", fi Triq Raddet ir Roti, ix-Xemxija, limiti ta' San Pawl il-Baħar, kopja annessa u markata dok. "C";

4. Illi kif jidher mill-istess nota ta' iskrizzjoni, dan il-privileġġ ġie iskritt a tenur tal-art. 62 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artiklu jipprovdi:

> "*Il-Kummissarju jkollu l-privileġġ speċjali fuq l-attiv li jagħmel sehem mill-attivita ekonomika ta' persuna dwar kull taxxa dovuta minn dik il-persuna taħt dan l-Att u t-taxxa msemmija għandha titħallas, minkejja kull ma jista' jinsab f'xi liġi oħra, bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privileġġ ieħor, ħlief dejn li jkollu privileġġ ġenerali u dejn imsemmi fl-artikolu 2009 (a) jew (b) tal-Kodiċi Ċivili*".

5. Illi kif ser jiġi pruvat matul dawn il-proċeduri, il-fuq imsemmi appartament li jappartjeni lil Jason Sammut qatt ma kien jifforma parti mill-attivita ekonomika la ta' Jason Sammut stante li dan l-appartament kien ir-residenza personali tiegħu u Jason Sammut kien biss direttur impjegat u mhux negozjant Ara deċiżjoni re Chris Gauci/ Priceclub Operators mogħtija riċentement u l'anqas ta' Flower Power (Sales) Limited, liema soċjeta` kienet reġistrata mad-Direttur Generali konvenut għall-iskopijiet ta' attivita ekonomika li twassal għall-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud, bil-konsegwenza għalhekk illi l-konvenut ma kellux dritt li jiskrivi l-imsemmi privileġġ fuq il-proprjeta` in kwistjoni;

6. Illi l-Bank attur għandu interess li jikkontesta l-validita` ta' l-iskrizzjoni ta' dan il-privileġġ speċjali fuq il-proprjeta` in kwistjoni billi tippreġudika l-gradwazzjoni tal-kreditu tal-Bank attur fuq l-istess proprjeta` tad-debitur tiegħu Jason Sammut;

Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex ir-raġunijiet kollha premessi u prevja kull dikjarazzjoni jew provvediment neċessarju, dina l-Onorabbli Qorti ma għandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-iskrizzjoni tal-privileġġ speċjali numru 10820/2010 datat 26 ta' Lulju 2010, fuq il-proprjeta` appartenenti lill-imsemmi Jason Sammut u ċioe` l-appartament numru tmienja (8) fil-blokk "High Clere Court", fi Triq Raddet ir-Roti, ix-Xemxija, limiti ta' San Pawl il-Baħar, hija nulla u mingħajr effett skont il-liġi billi din il-proprjeta` ma tifformax parti mill-attiv li jagħmel sehem mill-attivita` ekonomika ta' persuna dwar it-taxxa dovuta;

2. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippublika l-att tal-kanċellament tal-imsemmi privileġġ speċjali f'data, ħin u lok li għandhom jiġu ffissati mill-Qorti u tinnomina kuraturi deputati sabiex jidhru għall-eventwali kontumaċi.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li huwa nġunt sabiex jidher in subizzjoni".

2. Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur Ġenerali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud li permezz tagħha wieġeb:

"1. Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad ir-rikors *de quo* peress illi huwa infondat fil-fatt u fid-dritt kif ser jirriżulta pjenament waqt it-trattazzjoni tal-każ u mis-segwenti;

2. Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-ittra uffiċjali 2011/2010 nħarġet kontra d-debitur Jason Sammut *proprio et nomine* skont il-liġi u kwindi rrendiet eżegwibbli l-Avviż li ppreċediha, liema Avviż inħareġ ai termini tal-Artikolu 59 (2) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi ma hemm l-ebda ombra ta' dubbju illi l-ittra uffiċjali *de quo* segwiet id-dettami tal-liġi u kwindi l-Avviż maħruġ mill-esponenti hu titolu eżekuttiv validu skont id-dettami tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni Proċedura Ċivili il-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta jingħad kif ġej:

> "Meta jiskadi l-perijodu ta' jumejn imsemmi f'dan is-subartikolu [(1)], il-Kummissarju jkollu dritt li jirreġistra fir-reġistru pubbliku jew fir-reġistru tal-artijiet, skont il-każ, nota ta' privileġġ għall-ammont mitlub fl-att ġudizzjarju, u dik in-nota ta' privileġġ tista' tiġi rreġistrata minn kull avukat jew nutar".

Dan hu li għamel l-esponenti fil-każ in eżami, iskriva nota ta' privileġġ a bażi ta' dan l-artikolu. Dan hu pass ieħor li ttieħed mill-esponenti sabiex jiġi infurzat il-kreditu tiegħu versu d-debitur Jason Sammut *proprio et nomine*.

4. Illi jingħad għall-kjarezza illi l-artikolu 62 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti privileġġ speċjali lill-esponenti fuq l-attiv li jagħmel sehem mill-attivita` ekonomika ta' persuna dwar kull taxxa dovuta minn dik il-persuna taħt il-Kap. 406 u li t-taxxa dovuta għandha titħallas, minkejja kull ma jista' jinsab f'xi liġi oħra, bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privileġġ ieħor. Fil-paragrafu 5 tar-rikors tiegħu l-Bank attur jilmenta illi l-iskrizzjoni tan-nota *de quo* saret fuq appartament illi ma jifformax parti mill-attivita` ekonomika ta' Jason Sammut u ġie allegat fir-rikors surreferit illi Jason Sammut kien biss direttur impjegat!;

5. Illi jirriżulta lill-esponenti Direttur Generali bl-aktar mod limpidu u ċar illi s-Sur Jason Sammut kien ukoll ċ-***Chairman*** u s-**segretarju** tal-istess kumpannija (Flower Power (Sales) Limited (C13901) kif hu rreġistrat skont il-

Form K mal-MFSA fit-8 ta' Ottubru 2003 b'effett mill-1 ta' Ottubru 2003. Dan id-dokument iġib fix-xejn l-allegazzjoni fiergħa tar-rikorrenti illi qal illi s-Sur Jason Sammut kien biss direttur impjegat mal-kumpannija. Kopja ta' dan id-dokument hi hawn annessa u mmarkata Dok "A". Illi dak li qiegħed isostni l-konvenut Direttur Generali Taxxa fuq il-Valur Miżjud dwar ir-responsabbilita` personali tas-Sur Jason Sammut fil-każ in eżami, jieħu dimensjoni aktar konkreta u tanġibbli mill-ittra ddatata l-5 ta' Marzu 2010, li s-Sur Jason Sammut kien bagħat lill-esponenti, kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok "B". Is-sur Jason Sammut kitiblu hekk lill-esponenti:

> "*Aware of the present situation with your Department, I will commit myself to come to an arrangement to finalise same.*
>
> *I am in the process of finalizing an agreement with my Bank so as to hasten payments, meantime last return will be submitted earliest to have a full and clear picture of situation*".

Hawn is-Sur Jason Sammut qiegħed jaġixxi bl-aktar mod ċar *qua* direttur tal-kumpannija u qiegħed jieħu responsabbilita` personali tad-dejn tal-istess kumpanija u fl-istess ħin qiegħed juri biċ-ċar li ma kienx biss direttur impjegat! Minn dan id-dokument jirriżulta mingħajr l-iċken dubbju li s-Sur Jason Sammut kellu wkoll il-kontroll tal-finanzi tal-kumpannija. Żgur illi impjegat ma jazzardax jikteb lill-esponenti bil-mod awtorevoli li bih ikkomunika miegħu permezz tal-ittra surreferita;

6. Illi saret referenza għas-sentenza riċenti tal-Onorevoli Imħallef Anthony Ellul in re **Konkors ta' Kredituri ta' Christopher Gauci**, deċiża fil-21 ta' Ottubru 2013. Għall-kuntrarju ta' dak li qal il-Bank attur fir-rikors tiegħu, dik l-Onorabbli Qorti ddeċidiet illi minkejja li l-artikolu 116(3) tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta jitkellem fuq l-attiv tal-priċipal [kumpannija] xorta deċidiet illi r-rikavat mis-subbasta tal-**proprjeta` personali** (penthouse) ta' Christopher Gauci kellu jagħmel tajjeb għall-kreditu tad-direttur allegatament ukoll impjegat tal-Price Club Operators Limited Christopher Gauci;

7. Illi dik l-Onorabbli Qorti applikat il-prinċipji legali tas-solidarjeta`, u mill-flus rikavati mill-bejgħ tal-proprjeta` personali ta' Gauci ordnat li jitħallas id-Direttur Generali tat-Taxxi u billi ma kienx hemm aktar fondi waqfet hemm. Fil-fatt l-esponenti daħħal appell inċidentali fir-risposta tiegħu għall-appell li sar mis-sentenza in eżami;

8. Illi l-esponenti jsib konfort f'dak li jingħad fl-artikolu 66 (1) u (5) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, ħaġa li jidher li sfuġġiet lill-parti l-oħra meta kkwotat is-sentenza ta' Gauci *supra*. Illi s-subartikolu (1) jgħid illi kull segretarju, *manager*, direttur, stralċjarju jew uffiċjal prinċipali ieħor ta' enti jew korp ta' persuni,…għandu jkun rappreżentant, għall-għanijiet ta' dan l-Att, ta' dak il-korp ta' persuni, persuna mejta, persuna oħra, *trust*, *fund*, jew enti ieħor, skond il-każ. Illi s-subartikolu (5) tal-istess artikolu 66, jagħmilha ċara illi: rappreżentant ikollu **responsabbilita` solidali** mal-persuna li jkun qiegħed jirrappreżenta għat-taxxa dovuta minn dik il-persuna. Dan hu li skatta fil-każ in eżami;

9. Illi jingħad illi t-taxxa ma hijiex tal-persuna li tiġborha iżda tappartjeni lill-erarju pubbliku u min ma jgħaddihiex fil-ħin lill-esponenti jkun qiegħed jikkommetti frodi lill-Amministrazzjoni Pubblika u ovvjament jesponi ruħhu għal proċeduri kriminali kontrih. Qatt ma nstema' illi xi kumpannija ntbagħtet il-ħabs minħabba illi miżapproprijat xi fondi. Huma dejjem ir-rappreżentanti tal-istess illi jkollhom iħallsu għan-nuqqasijiet li jkunu wettqu f'isem kumpanija;

10. Illi mhux ikkontestat illi l-esponenti huwa kreditur ta' Jason Sammut *proprio et nomine* fl-ammont ta' mija u disgħin elf, mija u disgħa u ħamsin ewro, (€190,159) indikat fl-ittra uffiċjali tat-2 ta' Lulju 2010. Illi lanqas ma għandu jkun iddubitat illi l-iskrizzjoni saret ai termini tal-artikolu 2029 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Isegwi mis-suespost illi l-iskrizzjoni ta' privileġġ bin-numru 10820/2010 iskritta mill-esponenti fuq il-proprjeta` appartenenti lil Jason Sammut u ċjoe`: l-appartament numru tmienja (8) fi Blokk "High Clere Court", fi Triq Raddet ir-Roti, ix-Xemxija, limiti ta' San Pawl il-Baħar, hija ritwali u fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi li rrikonoxxew it-titolu validu tal-esponenti f'każijiet konsimili għandha tiġi meqjusa bħal valida u ritwali u t-talbiet tal-Bank attur għadhom jiġu rriġettati.

Għaldaqstant l-intimat Kummissarju eċċepjenti jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti għar-raġunijiet suesposti jogħġobha:

1. tiċħad it-talba tal-Bank attur fejn allega illi l-iskrizzjoni ta' privileġġ speċjali 10820/2010 iskritta mill-konvenut hija nulla u mingħajr effett skont il-liġi;

2. konsegwentement jogħġobha tiddikjara illi ma hemmx bżonn nomina ta' Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att tal-kanċellament tal-imsemmi privileġġ speċjali; u

3. konsegwentement jogħġboha tikkonferma l-iskrizzjoni tal-privileġġ ottenuta mid-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud a bażi tal-ittra uffiċjali numru 2011/2010.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni in subizzjoni kontra r-rikorrenti".

3. Rat ir-risposta maħlufa ta' Dr. Anthony Cutajar u tal-P.L. Noel Scerri fil-kwalita` tagħhom ta' kuraturi deputati maħtura sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Jason Sammut:

"1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti tal-każ u għalhekk jirriservaw li jippreżentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirrnexxilhom jikkomunikaw mal-intimat minnhom rappreżentat, u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti tipprovdilhom kull infomazzjoni li jista' għandha li tista' twassalhom sabiex jikkomunikaw mal-intimat.

2. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri”.

4. Rat li waqt is-seduta tat-28 ta’ Ottubru, 2015, deher il-konvenut Jason Sammut li nforma lill-Qorti li bħalissa qiegħed jgħix f’Malta u għalhekk ġew estromessi l-kuraturi deputati mill-proċeduri odjerni. Iżda minkejja li l-ewwel Qorti rriżervat li takkorda lill-istess konvenut id-dritt li jressaq nota ta’ eċċezzjonijiet ulterjuri, meta l-avukat difensur tiegħu jassumi l-patroċinju, dan baqa’ ma deherx.

5. Rat is-sentenza tal-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili tas-17 ta’ Ottubru, 2016, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi, filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, laqgħet it-talbiet tas-soċjeta` attriċi u ddikjarat li l-iskrizzjoni tal-privileġġ speċjali numru 10820/2010 datat 26 ta’ Lulju, 2010, fuq il-proprjeta` ta’ Jason Sammut, ċioe` l-appartament bin-numru 8, fil-blokk “High Clere Court”, fi Triq Raddet ir-Roti, Xemxija, hija nulla u mingħajr effett skont il-liġi u konsegwentement innominat lin-Nutar Louise Vella Bardon sabiex tippubblika l-att ta’ kanċellament tal-imsemmi privileġġ speċjali, kif ukoll innominat lil Dr. Stefano Filletti bħala kuratur deputat sabiex jidher għall-eventwali kontumaċi. Bl-ispejjeż a karigu tad-Direttur Ġenerali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

6. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“**L-Avukat Dottor Andrew Borg Cardona** xehed permezz ta' affidavit a fol 92 illi hu kien gie nnominat bhala amministratur provvizorju tal-kumpanija Flower Power (Sales) Ltd fil-kawza fl-ismijiet Dr. Henri Mizzi noe vs Flower Power

(Sales) Ltd u ghalhekk kellu d-dover li jamministra l-assi li kienu jappartjenu lil din il-kumpanija. Fil-kors tal-amministrazzjoni tieghu irrizultalu illi l-unika attivita kummercjali ta' din il-kumpanija kienet il-gestjoni ta' negozju ta' “garden centre” f'Tal Qali u illi l-proprjeta minn fejn kien jitmexxa dan in-negozju kienet tappartjeni lil kumpanija ohra, bl-isem Mediterranean Flower Products Limited li kienet tikriha lil Flower Power (Sales) Limited. Spjega illi Jason Sammut kien wiehed mid-diretturi ta' Flower Power (Sales) Limited **u sa fejn irrizulta lilu ma kien hemm ebda proprjeta li tappartjeni lil Sammut li kienet tintuza in konnessjoni man-negozju gestit minn Flower Power (Sales) Ltd, lanqas l-appartament li kellu f'High Clere Court, Triq Raddet ir-Roti, Xemxija.**

**Joseph Attard** xehed a fol 97A – C illi huwa **Economic Officer fi hdan id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud** u li d-dipartiment ma jkunx jaf liema proprjeta tkun qed taghmel negozju biha l-kumpanija. Huwa qabel illi l-appartament f'High Clere Court, Triq Radder ir-Roti, Xemxija fuq liema gie rregistrat il-privilegg specjali, kien jappartjeni lil Jason Sammut. Mistoqsi jekk id-Dipartiment ikollu records fil-file minn fejn qed issir l-attivita ekonomika li tiggenera l-hlas tal-VAT, wiegeb li d-Dipartiment ikun jaf, u li l-indirizz ta' din il-proprjeta kien dak ta' Ta' Qali **u li d-Dipartiment ma jaf bl-ebda proprjeta ohra minn fejn kien qed isir in-negozju tal-kumpanija.**

**Joseph Attard** xehed a fol 108 – 110 illi huwa jahdem bhala Manager tar-Revenue Collection mad-Dipartiment tal-VAT. Spejga illi l-Kummissarju bghat l-ittra ezebita a fol 61 personalment lil Jason Sammut ghaliex l-Artikolu 66 izomm lid-direttur ta' kumpanija personalment responsabbli ghad-djun li jkun hemm fil-kumpanija ghal perjodu meta huwa jkun direttur. Kompla illi fl-2003, apparti li kien diga direttur, Sammut kien gie appuntat bhala Chairman u Segretarju tal-kumpanija. Fir-rigward tal-ittra ezebita a fol 31 xehed illi Sammut kien qal li jaf bis-sitwazzjoni finanzjarja li ghandha l-kumpanija mad-Dipartiment tal-VAT u kkometta ruhu li jasal f'arrangament biex ihallas dawn id-djun. Mistoqsi f'liema kapacita kien qed jikkommunika f'din l-ittra, wiegeb li Sammut kien qieghed jikkomunika fil-kapacita tieghu personali.

**In kontro-ezami** a fol 110 – **111 xehed illi huwa kien akkonoxxenza illi l-kumpanija kellha attivita tbiegh il-fjuri f'Ta' Qali.**

**Ikkonsidrat:**

L-Artikolu 62 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jipprovdi illi:

> “***Il-Kummissarju ikollu privilegg specjali fuq l-attiv li jaghmel sehem mill-attività ekonomika ta' persuna dwar kull taxxa dovuta minn dik il-persuna taht dan l-Att u t-taxxa msemmija ghandha tithallas, minkejja kull ma jista' jinsab f'xi ligi ohra, bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privilegg iehor, hlief dejn li jkollu privilegg generali u dejn imsemmi fl-artikolu 2009 (a) jew(b) tal-Kodici Civili***.”

L-Artikolu 5 tal-istess Att imbaghad jipprovdi s-segwenti definizzjoniji ta' attivita ekonomika:

> "***Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) attività ekonomika tfisser attività ġestita minn persuna, li ma tkunx impjegat li qed jaġixxi bħala tali, u li tkun tikkonsisti f'wieħed jew iżjed minn dan li ġej:***
> ***(a) xi negozju jew kummerċ;***
> ***(b) xi professjoni jew vokazzjoni jew il-provvista ta' kull servizz persunali ieħor;***
> ***(ċ) l-esplojtazzjoni ta' proprjetà tanġibbli jew li mhix tanġibbli bil-għan li jinkiseb qligħ minnha tul medda ta' żmien kontinwu;***
> ***(d) l-għoti minn club, assoċjazzjoni jew organizzazzjoni (għax titħallas xi miżata jew jingħata xi korrispettiv ieħor) tal-faċilitajiet jew vantaġġi disponibbli għall-membri relattivi;***
> ***(e) id-dħul, b'korrispettiv, ta' persuni f'kull fond.***"

L-intimat jargumenta illi l-Artikolu 66 (1) u (5) johloq il-possibilita li jigi registrat privilegg specjali fuq proprjeta ta' Sammut u mhux biss tas-socjeta Flower Power, peress illi skont dan l-artikolu Sammut ghandu responsabbilta personali mas-socjeta Flower Power ghal hlas tat-taxxa dovuta.

L-Artikoli citati mill-intimat jipprovdu hekk:

> "**Art. 66 (1)** ***Kull segretarju, manager, direttur, stralċjarju jew uffiċjal prinċipali ieħor ta' enti jew korp ta' persuni, kull werriet u eżekutur testamentarju u kull kuratur tal-eredità vakanti ta' persuna mejta, u kull min ikun tutur, kuratur, amministratur jew trustee ta' xi persuna oħra jew ta' xi trust, fund, jew enti ieħor għandu jkun rappreżentant, għall-għanijiet ta' dan l-Att, ta' dak il-korp ta' persuni, persuna mejta, persuna oħra, trust, fund jew enti ieħor, skont il-każ.***
>
> **(omissis)**
>
> **Art. 66 (5)** ***Rappreżentant ikollu responsabbiltà solidali mal-persuna li jkun qiegħed jirrappreżenta għat-taxxa dovuta minn dik il-persuna: iżda meta ir-rappreżentant ikun aġixxa in bona fede u ma jkunx qiegħed xjentement jikkontravjeni is-subartikolu (4) jew kull obbligazzjoni oħra taħt dan l-Att, ir-responsabbiltà tiegħu taħt dan is-subartikolu għandha tkun limitata għall-flus jew għall-valur tal-proprjetà li huwa jkun qiegħed jamministra jew jikkontrolla li tkun ta' persuna jew dovuta lil persuna li huwa jkun ir-rapprezantant tagħha".***

M'hemmx kontestazzjoni minn naha tas-socjeta rikorrenti illi Sammut huwa responsabbli skont il-ligi ghal hlas tat-taxxa dovuta minn Flower Power. Dak li qed jigi kontestat huwa l-argument tal-intimat illi dawn l-artikoli jaghtu setgha lid-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud biex jirregistra privilegg specjali ai termini tal-Artikolu 62 fuq proprjeta tal-persuni imsemmija fl-Artikolu 66.

Il-Qorti wkoll ma tikkondividix l-argument tal-intimat. L-artikolu 62 jaghmilha cara illi l-intimat ghandu dritt jiskrivi privilegg specjali " ...*fuq l-attiv li jaghmel sehem mill-attività ekonomika ta' persuna dwar kull taxxa dovuta minn dik il-persuna..."* Minn qari ta' dan l-artikolu flimkien mal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta jidher car illi l-ligi m'hijiex qed taghti dritt lill-intimat sabiex jiskrivi ipoteki fuq il-beni kollha ta' kwalunwke persuna responsabbli ghal hlas ta' taxxa dovuta taht dan l-Att. L-Artikolu 62 jaghti s-setgha lill-intimat sabiex

jiskrivi privilegg specjali fir-rigward ta' beni li jifformaw parti mill-attivita ekonomika tal-persuna dwar it-taxxa li tkun dovuta minn dik persuna. Dan iqajjem zewg punti li jmorru kontra t-tezi tal-intimat.

L-ewwel nett, it-taxxa dovuta fil-kaz de quo m'hijiex dovuta minn Sammut, izda hija dovuta mis-socjeta Flower Power . Il-fatt illi Sammut huwa responsabbli solidament ghal hlas ta' din it-taxxa flimkien mas-socjeta Flower Power, ma jnaqqas xejn mill-fatt illi din it-taxxa m'hijiex dovuta minnu personalment, izda minn Flower Power Limited, li hija l-persuna taxxabbli fil-kawza de quo, ghaliex hija l-persuna illi wettqet l-attivita ekonomika, ai termini tal-Artikolu 5, ghar-rigward ta' liema hija dovuta it-taxxa in kwistjoni.

Inoltre, meta wiehed jara d-definizzjoni ta' attivita ekonomika provduta fl-Artikolu 5, huwa car illi Sammut **personalment** ma kellhu l-ebda attivita ekonomika ghal finijiet tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, stante illi Sammut kien qieghed jagixxi **bhala impjegat jew ufficjal tas-socjeta Flower Power.** Il-fatt illi huwa kien qed jagixxi bhala direttur ma jfissirx illi l-attivita ekonomika kienet tieghu fid-dawl tal-fatt illi s-socjeta Flower Power kellha personalita guridika separata u distinta. Kumpanija necessarjament ghandha bzonn persuna fizika biex tmexxiha stante illi hija persuna astratta, pero l-kumpanija tibqa' xorta wahda persuna distinta mill-persuni fizici li jmexxuha.

L-intimat jistrieh fuq l-ittra li intbghatet minn Sammut lill-intimat fil-5 ta' Marzu 2010, ezebita fil-process a fol 31, biex jargumenta illi Sammut kien jiehu responsabbilita personali tad-dejn dovut lill-intimat. Il-Qorti m'hijiex moralment konvinta minn dan, ikkunsidrat il-fatt illi huwa car li **l-ittra kienet qed tintbghat minn Sammut fil-vesti tieghu bhala rapprezentant tal-kumpanija Flower Power Sales Ltd.** Inoltre, tghid x'tghid din l-ittra, **xorta wahda ma tibdilx dak li tghid il-ligi, u cioe illi privilegg specjali jista' jigi registrat fuq l-attiv li jaghmel sehem mill-attivita ekonomika tal-persuna taxxabbli.**

Il-Qorti tqis illi d-distinizjoni bejn il-persuna minn min it-taxxa hija dovuta u l-persuni li huma responsabbli solidalment ghall-hlas ta' din it-taxxa, huwa evidenti mill-Artikou 66 (5) tal-Att. Minn dan l-artikolu jidher illi filwaqt illi r-responsabbilita tal-persuna minn min it-taxxa hija dovuta hija bla limitu, ir-responsabbilita tal-persuna li tirraprezenta il-persuna taxxabbli hija limitata fil-kaz li huma ma jkunux naqsu mill-obbligi taghhom imposti mill-ligi. Ghalhekk, ghalkemm is-socjeta Flower Power hija responsabbli ghall-hlas shih tat-taxxa dovuta lill-intimat, fil-kaz ta' Sammut, fin-nuqqas ta provi sgjaccanti li Sammut naqas mill-obligu tieghu skond ligi, il-responsabilta ta Sammut ghandha tkun wahda limitata. Lanqas ma hemm pronunzjament gudizzjarju illi sabet li Sammut, in effett, naqas mill-obbligi tieghu skont il-ligi. Ghalhekk sakemm ikun hemm tali pronunzjament gudizzjarju, jew almenu provi sgjaccanti ta tali nuqqas (li hu mankanti ghal kollox fil-kaz tal-ezami), ir-responsabbilita ta' Sammut tkun "...*limitata għall-flus jew għall-valur tal-proprjetà li huwa jkun qiegħed jamministra jew jikkontrolla li tkun ta' persuna jew dovuta lil persuna li huwa jkun ir-rapprezantant tagħha"* u cioe s-socjeta Flower Power.

Barra minn hekk, lanqas ma tressqet prova li l-fond li fuqu gie iskritt il-privilegg specjali kien jifforma parti mill-attivita ekonomika ta' persuna taxxabbli.

M'huwiex kontestat illi l-fond jappartjeni lil Sammut personalment, li mhuwiex persuna taxxabbli, u mill-process ma tirrizulta ebda prova li turi li minkejja li dan il-fond kien proprjeta personali ta' Sammut, kien jifforma sehem mill-attivita ekonomika ta' Flower Power Sales Ltd, ossia l-persuna taxxabbli.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza citata mis-socjeta rikorrent moghtija fil-**Konkors ta' Kredituri ta' Christopher Gauci** deciza fil-21 ta' Ottubru 2013 minn din il-Qorti diversament presjeduta fejn inghad illi:

> "[s]*kond l-Artikolu 62 tal-Kap. 406, il-privilegg hu moghti "[.]* ***fuq l-attiv li jaghmel sehem mill-attivita' ekonomika ta' persuna dwar kull taxxa dovuta minn dik il-persuna.*** *" (enfazi tal-qorti). Ma saret l-ebda prova li l-fond li kien inbiegh kien jifforma "sehem mill-attivita' ekonomika" kif definit flArtikolu 5 tal-istess Att. Lanqas ma jirrizulta li Christopher Gauci kellu "attivita ekonomika". Anzi l-provi li tressqu huma fis-sens li l-penthouse li nbieghet bl-irkant li sar fid-29 ta' Novembru 2006 kienet ir-residenza personali tieghu, u jidher li kien impjegat mal-istess kumpannija . Ghalhekk id-Direttur General ma jidhirx li jgawdu l-privilegg li jippretendi li ghandu ai termini tal-Artikolu 62 tal-Kap. 406*."

Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi l-elementi tal-Artikolu 62 m'humiex sodisfatti f'dan il-kaz, u l-intimat ma kellu ebda dritt jiskrivi privilegg specjali fuq il-fond in kwistjoni".

7. Rat ir-rikors tal-appell tal-Kummissarju tat-Taxxi ġia` d-Direttur Ġenerali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ottubru, 2016, fl-ismijiet premessi, fejn l-ewwel Qorti għoġobha tilqa' t-talbiet tas-soċjeta` attriċi u ddikjarat nulla u bla effett in-nota ta' privileġġ speċjali 10820/2010 tal-konvenut appellant skont il-liġi u kwindi minflok tilqa' dan l-appell u filwaqt li tiċħad it-talbiet tas-soċjeta` attriċi, tiddikjara li l-iskrizzjoni tal-privileġġ speċjali *de quo* bħala waħda valida u skont il-liġi.

8. Rat ir-risposta tal-appell tal-appellat HSBC Bank Malta p.l.c., li permezz tagħha wieġeb li l-appell interpost mid-Direttur Ġenerali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud huwa nfondat u għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

9. Rat li waqt is-seduta tat-8 ta’ Frar, 2022, id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li prevja n-notifika ta’ Jason Sammut, m’għandhomx xi jżidu mal-atti tal-appell u għalhekk l-appell ġie differit għat-trattazzjoni għat-22 ta’ Frar, 2022, f’liema seduta minkejja li rriżultat in-notifika bil-mezz tal-affissjoni ta’ Jason Sammut, meta ssejjaħ l-appell baqa’ ma deher ħadd u għalhekk l-appell ġie differit għas-sentenza.

10. Rat l-atti kollha tal-kawża, inkluż id-dokumenti esebiti;

**Ikkonsidrat:**

11. Illi permezz ta’ din il-kawża, il-Bank, bħala kreditur tal-konvenut Jason Sammut, a bażi ta’ kuntratt ta’ self, liema self huwa kawtelat permezz ta’ iskrizzjoni ta’ privileġġ speċjali u ipoteka speċjali, qiegħed jattakka l-iskrizzjoni ta’ privileġġ speċjali da parti tal-konvenut l-ieħor Direttur Ġenerali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, fuq l-appartament numru 8, “High Clere Court”, Triq Raddet ir-Roti, Xemxija, proprjeta` tal-imsemmi Jason Sammut, minħabba li jsostni li din l-iskrizzjoni tippreġudika l-gradwazzjoni tal-kreditu tal-Bank fuq l-istess proprjeta`. Il-Bank isostni li peress li kienet is-soċjeta` Flower Power (Sales) Limited, reġistrata mad-Direttur Ġenerali għall-iskopijiet ta’ attivita` ekonomika, id-Direttur konvenut ma kellux dritt li jiskrivi privileġġ fuq il-proprjeta` ta’ Jason Sammut li kienet ir-residenza personali tiegħu u dan fuq il-bażi li Sammut kien direttur fi ħdan is-soċjeta` Flower Power (Sales) Limited.

12. Id-Direttur Ġenerali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud jikkontesta l-kawża, peress li jikkontendi li huwa ħareġ ittra uffiċjali (li ġġib referenza 2011/2010) kontra d-debitur Jason Sammut *proprio et nomine* skont il-liġi u kwindi rrendiet eżegwibbli l-avviż li ppreċediha, li nħareġ skont l-Artikolu 59 (2) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Ġaladarba għandu titolu eżekuttiv kontra Jason Sammut, huwa iskriva nota ta' privileġġ skont l-istess provvediment tal-liġi. Id-Direttur Ġenerali jisħaq li l-Artikolu 62 tal-Kap. 406 jagħtih privileġġ speċjali fuq l-attiv li jagħmel sehem mill-attivita` ekonomika ta' persuna dwar kull taxxa dovuta minn dik il-persuna taħt il-Kap. 406 u li t-taxxa għandha titħallas, minkejja kull ma jista' jingħad f'xi liġi oħra u bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privileġġ ieħor. Dan meta l-Artikolu 66(1) u (5) tal-Kap. 406 jipprovdu li direttur ta' enti jew korp ta' persuni għandu jkun rappreżentant għall-għanijiet tal-istess att u r-rappreżentant ikollu responsabbilta` solidali mal-persuna li jkun qiegħed jirrappreżenta għat-taxxa dovuta minn dik il-persuna. Isostni li ladarba mhuwiex ikkontestat li d-Direttur huwa kreditur ta' Jason Sammut, lanqas għandu jkun dubitat li l-iskrizzjoni saret skont l-Artikolu 2029 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant it-talba tal-Bank attur għandha tiġi miċħuda.

13. L-ewwel Qorti, permezz tas-sentenza appellata fil-kawża fl-ismijiet premessi, filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, laqgħet it-talbiet attriċi u ddikjarat l-iskrizzjoni tal-privileġġ speċjali nulla u mingħajr effett, kif ukoll ordnat il-kanċellament tal-imsemmi privileġġ speċjali.

14. Il-konvenut Direttur Ġenerali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ħassu aggravat bl-imsemmija sentenza u għalhekk interpona appell minnha. L-appell tad-Direttur appellant jissejjes fuq aggravju ewlieni li fih jitressqu s-segwenti punti:

(i) l-ewwel Qorti kienet legalment skorretta meta ddeċidiet li tiċħad l-eċċezzjonijiet tiegħu u ddikjarat in-nota ta' iskrizzjoni ta' privileġġ speċjali nulla u mingħajr effett tal-liġi, in kwantu l-ewwel Qorti njorat it-titolu eżekuttiv li kellu;

(ii) l-appellant jinsab aggravat ukoll bil-fatt li l-ewwel Qorti njorat u skartat kompletament l-Artikolu 66 tal-Kap. 406 li jgħabbi lill-persuni hemm elenkati, b'responsabbilta` solidali mal-persuna legali li jkunu qegħdin jirrappreżentaw għat-taxxa dovuta minn dik il-persuna;

(iii) bid-distinzjoni li għamlet l-ewwel Qorti bejn id-direttur Jason Sammut u Flower Power (Sales) Limited bħala persuna ġuridika, is-subinċiż(5) tal-Artikolu 66 ġie stultifikat, peress li bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti li minn qari tal-Artikolu 62 flimkien mal-Artikolu 5 tal-Kap. 406, ngħad minnha li l-liġi ma tagħtihx id-dritt li jiskrivi ipoteki fuq il-beni kollha ta' kwalunkwe persuna responsabbli għall-ħlas ta' taxxa dovuta taħt l-Att. Dan meta l-ittra uffiċjali maħruġa minnu fil-konfront ta' Jason Sammut *proprio et nomine* rrendiet

eżegwibbli l-avviż maħruġ minnu preċedentement, bil-konsegwenzi legali kollha li dan iġib miegħu;

(iv) meta l-ewwel Qorti qieset li t-taxxa mhix dovuta minn Sammut personalment, iżda mis-soċjeta\` Flower Power (Sales) Limited, li wettqet l-attivita\` ekonomika in kwistjoni, intrema l-prinċipju fundamentali tas-solidarjeta\` personali li biha jitgħabba direttur skont il-provvediment tal-Artikolu 66(5) tal-Kap. 406 u minflok saret enfasi fuq id-distinzjoni bejn il-persuna astratta (il-kumpanija) u l-persuna fiżika. B'dan il-mod id-direttur jiskarta faċilment l-obbligi fiskali tiegħu bi ħsara għall-erarju pubbliku.

(v) Ma hemmx għalfejn li l-appellant jipprova li l-fond li fuqu saret l-iskrizzjoni kien jifforma parti mill-attivita\` ekonomika ta' Sammut, altrimenti l-Artikolu 66(5), li jipprovdi għal *lifting of the corporate veil* ikun qiegħed jiġi reż inutili, in kwantu l-appellant ikun akkwista titolu eżekuttiv fil-konfront tad-debituri tiegħu, li jkun wieħed inutilizzabbli ladarba s-solidarjeta\` titwarrab.

Kwindi l-appellant isostni li l-ewwel Qorti kellha tapplika l-Artikoli 62 u 66 tal-Kap. 406 flimkien għall-każ *de quo* u mhux in iżolament, peress li huma kumplimentari għal xulxin, peress li kif applikati mill-ewwel Qorti ġew żnaturati u ineffettivi, ħaġa li ċertament ma kinitx l-intenzjoni tal-leġiżlatur.

15. Illi għandu jingħad mal-ewwel li, mill-atti jirriżulta li l-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud oriġina mill-attivita` kummerċjali eżerċitata mis-soċjeta` Flower Power (Sales) Limited, li kienet twettaq in-negozju tagħha minn post f'Ta' Qali. Iżda huwa minnu li skont l-Artikolu 66(1) tal-Kap. 406, kull direttur ta' kumpanija għandu jitqies bħala rappreżentant ta' dik il-kumpanija; kif ukoll is-subartikolu (3)(a) tal-istess Artikolu 66 jipprovdi li rappreżentant ta' persuna jkun responsabbli bl-istess mod u sal-istess limitu bħal dik il-persuna li jkun qiegħed jirrappreżenta għall-obbligazzjonijiet kollha imposti bl-istess Att (Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud) jew bis-saħħa tiegħu. Filwaqt li l-Artikolu 66(5) jipprovdi li rappreżentant ikollu responsabbilta` solidali mal-persuna li jkun qiegħed jirrappreżenta għat-taxxa dovuta minn dik il-persuna. Kuntrarjament għal dak li jingħad mill-appellant, l-ewwel Qorti qieset dan il-provvediment tal-liġi sew, tant li għarfet id-distinzjoni li tagħmel l-istess liġi fis-sens li filwaqt li r-responsabbilta` tal-persuna taxxabbli hija bla limitu, ir-responsabbilta` tal-persuna li tirrappreżenta l-persuna taxxabbli hija limitata, fil-każ li ma tkunx naqset mill-obbligi tagħha skont il-liġi. Skont l-appellant, Sammut daħħal id-denunzji tat-taxxa bla ħlas, liema għemil jikkostitwixxi reat meta Sammut m'għaddiex it-taxxa dovuta lill-erarju pubbliku. Jekk kemm-il darba dan huwa minnu, dan ifisser li John Sammut bħala Direttur fi ħdan is-soċjeta` Flower Power (Sales) Limited, għandu r-responsabbilta` solidali li jħallas lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, kull taxxa li tista' tkun dovuta flimkien mal-istess soċjeta` Flower Power (Sales) Limited.

16. Kien hemm diversi okkażjonijiet fejn dawn il-Qrati taw l-interpretazzjoni tagħhom tal-Artikolu 62 tal-Kap. 406. (l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fosthom fil-proċeduri tal-**Konkors ta' Kredituri ta' Carmelo Gauci Ltd**, deċiża fis-27 ta' Frar 2009. Din il-Qorti qalet li ġej fuq dan l-artikolu:

"*Din il-Qorti studjat bir-reqqa l-artikolu tal-ligi in kwistjoni u ssib li, sa ċertu punt, iz-zewg partijiet qed jghidu affarijiet li ghandhom mis-sewwa, u affarijiet li, min-naha l-ohra, huma zbaljati.*

*Fl-ewwel parti tieghu dan l-artikolu jaghti "privilegg speċjali" lill-Kummissarju (u mhux "jedd ta' privilegg" kif jinghad f'legislazzjonijiet ohra), u fl-ordinament guridiku Malti jezisti tip wiehed biss ta' privilegg speċjali, u dan huwa dak indikat fl-Artikolu 2001(2) tal-Kodiċi Ċivli. Fil-ligijiet fiskali in kwistjoni il-legislatur ma tax xi definizzjoni ta' "privilegg speċjali" ghall-finijiet tal-istess ligijiet fiskali, u, ghalhekk, it-tifsira ta' dan il-kunċett irid jittiehed mid-definizzjoni tieghu fil-Kodiċi Ċivili li, sakemm mhux eskluz, japplika b'mod generali. Hu interessanti wkoll li jigi notat illi* ***dan il-"privilegg speċjali" ma nghatax fuq il-beni kollha ta' kull xorta tad-debitur, f'liema kaz kien jehtig li jkun deskritt bhala privilegg "generali" skond l-Artikolu 2001(1) tal-Kodiċi Ċivli, izda, fuq proprjeta` "partikolari" fit-termini tad-definizzjoni ta' privilegg speċjali fil-Kodiċi Ċivili, u ċioe`, fuq "<u>l-attiv li jaghmel sehem mill-attivita` ekonomika ta' persuna</u>".*** *Dan ikompli juri l-hsieb tal-legislatur li jorbot dan il-privilegg ma' dak trattat fil-Kodiċi Ċivili.*

*Issa, fil-waqt li l-privilegg speċjali fuq hwejjeg mobbli, mhux mehtieg li jigi registrat (Artikolu 2032 tal-Kodiċi Ċivili), il-privileggi speċjali fuq l-immobbli m'ghandhomx effett "jekk ma jigux imnizzlin fir-Registru Pubbliku" (Artikolu 2029). Dan hu hekk ghax privilegg speċjali fuq immobbli hu munit b'diritto di seguito (Artikolu 2002(2)), b'mod li jibqa' jaghti titolu ta' preferenza u jedd fuq il-proprjeta` anke jekk dik il-proprjeta` tghaddi ghand persuni ohra. Din ir-registrazzjoni hija mehtiega fl-interess tat-terzi, ghax terz li jkun se jixtri proprjeta` partikolari huwa intitolat li jkun jaf jekk dik il-proprjeta` hijiex qed taghmel tajjeb ghal dejn ta' xi hadd iehor. Ghalhekk hu importanti li dan il-privilegg speċjali jigi registrat b'referenza espressa ghall-proprjeta` immobbli kolpita, u dan kif jiddisponi l-Artikolu 7 tal-Att dwar ir-Registru Pubbliku (Kap. 56 tal-Ligijiet ta' Malta). Registrazzjoni ta' privilegg speċjali sempliċement "fuq l-attiv li jaghmel sehem mill-attivita` ekonomika" tad-debitur ma tistax titqies valida ghax il-privilegg irid jolqot proprjeta` immobbli partikolari, bl-indikazzjoni tal-immobbli tkun skond l-Artikolu 7 tal-Att indikat. Fin-nuqqas ta' tali registrazzjoni, maghmula kif trid il-ligi, ma jistax jinghad li l-privilegg speċjali jolqot xi proprjeta` immobbli. Fis-sistema legali taghna, ma hux konċepit "privilegg speċjali" fuq immobbli mhux registrat, aktar u aktar meta tqis li skond il-ligi, il-privileggi speċjali fuq l-immobbli huma, f'kull kaz, muniti bid-diritto di seguito.*

*Sa hawn, din il-Qorti, taqbel mat-tezi tal-HSBC Bank Malta plc u abbraċċjata mill-ewwel Qorti. L-Artikolu 62 tal-Kap. 406, pero`, jinqasam f'zewg partijiet, u din il-Qorti ma taqbilx mal-mod kif l-ewwel Qorti interpretat it-tieni parti ta' dan l-artikolu. L-ewwel Qorti qablet mal-perit legali fejn dan qal a fol. 526:*

> *"Barra minn hekk, l-Artikolu 62 jista' jinghad li jinqasam f'zewg aspetti, fl-ewwel parti jigi stabbilit il-privilegg speċjali filwaqt li fit-tieni parti jigi stabbilit illi dan il-privilegg speċjali jiggradwa bi preferenza, minkejja kull ma jista' jinsab f'xi ligi ohra fuq dejn privileggjat iehor. Jidher ghalhekk illi l-kwalifika li hemm fl-Artikolu 62 li biha kwalunkwe ligi ohra ghandha tigi sottratta ghall-gradwazzjoni kontemplata fl-Art. 62, hija limitata ghall-kwistjoni ta' gradwazzjoni diment li jigi determinat illi dak il-kreditu huwa munit bil-privilegg speċjali". (sottolinear ta' din il-Qorti).*

*Din il-Qorti ma taqbilx mal-partijiet minnha sottolineati, peress li l-ligi ma tghidx li l-privilegg speċjali jiggradwa bi preferenza, izda li "t-taxxa msemmija ghandha tithallas" bi preferenza, u lanqas ma tassoggetta l-preferenza tal-hlas ghad-determinazzjoni illi l-kreditu huwa munit bi privilegg speċjali. Kif intqal mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawza* ***Zammit v. Caruana noe****, deċiza fit-8 ta' Jannar, 1958,* ***il-kreditu u l-privilegg huma separati minn xulxin: il-kreditu huwa haga, u l-privilegg huwa hag'ohra. Ghalkemm il-privilegg ma jistax jissussisti minghajr il-kreditu, il-kreditu jista' jissussisti indipendentement mill-privilegg. F'dan il-kuntest dan ifisser illi n-nuqqas tal-Kummissarju tal-VAT li jirregistra l-privilegg ma jestingwix il-kreditu, u skond l-Artikolu 62, dan il-kreditu ghandu jithallas "bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privilegg iehor".***

*Bil-privilegg speċjali, debitament registrat, il-Kummissarju tal-VAT ikun jista' jinforza l-kreditu tieghu fuq dik il-proprjeta` immobbli partikolari, f'idejn min tkun. Jekk ma jirregistrax ipoteka speċjali, allura jrid jissodisfa ruhu mill-assi li jkollu d-debitur, b'dan, pero`, li anke jekk dawk l-assi jkunu milquta b'xi privilegg, il-Kummissarju jithallas l-ewwel (hlief kif jiddisponi l-istess Artikolu 62).*

*Il-frazi "minkejja kull ma jista' jinsab f'xi ligi ohra" tinsab, fil-fatt, fit-tieni parti ta' din il-klawsola, u fil-waqt li mhux qed tirreferi ghall-"privilegg speċjali" imsemmi fl-ewwel parti, tikkwalifika l-hlas tat-taxxa li, f'kull kaz mill-assi tad-debitur, ghandha ssir bi preferenza fuq kull dejn iehor, hemm x'hemm f'ligijiet ohra.*

*Ghalhekk, f'dan il-kaz, la darba l-flus garantiti mill-bank ghall-fini ta' dawn il-proċeduri, huma r-rikavat mill-bejgh tal-assi tal-kumpanija debitriċi, it-taxxa dovuta ghandha tithallas bi preferenza u qabel kull dejn iehor bhal dak tal-bank konkorrent."*

(enfasi ta' din il-Qorti)

17. Filwaqt li din il-Qorti tabbraċċja dan l-insenjament, tqis xieraq tislet żewġ punti hemm imsemmija ta' relevanza għall-każ in eżami. L-ewwel punt huwa

dak li l-"privilegg speċjali" ma ngħatax fuq il-beni kollha ta' kull xorta tad-debitur, f'liema każ kien jeħtieġ li jkun deskritt bħala privileġġ "ġenerali" skont l-Artikolu 2001(1) tal-Kodiċi Ċivili, iżda, fuq proprjeta` "partikolari" xorta tad-debitur, fit-termini tad-definizzjoni ta' privileġġ speċjali fil-Kodiċi Ċivili, u ċioe`, fuq "l-attiv li jagħmel sehem mill-attivita` ekonomika ta' persuna". Tabilħaqq kif osservat mill-ewwel Qorti ma tressqet l-ebda prova li l-fond personali ta' Jason Sammut kien parti mill-attivita` ekonomika ta' Flower Power (Sales) Limited. F'dan is-sens għamlet referenza għas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-21 ta' Ottubru, 2013, mogħtija minnha fil-**Konkors ta' Kredituri ta' Christopher Gauci.** Tajjeb li jiġi osservat li fil-mori ta' dan l-appell ġie deċiż ukoll l-appell f'dawk il-proċeduri (li jġibu referenza 1208/2007), fejn din il-Qorti filwaqt li kkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti, fejn hemm ukoll kienet involuta r-residenza personali ta' Direttur, meta ngħad li "*id-Direttur Ġenerali ma jidhirx li jgawdi l-privileġġ li jippretendi li għandu ai termini tal-Artikolu 62 tal-Kap. 406, billi l-fond li kien inbiegħ ma kienx jifforma 'sehem mill-attivita` ekonomika' kif definit fl-Artikolu 5 tal-istess Att*."

18. It-tieni punt importanti huwa li l-kreditu u l-privileġġ huma separati minn xulxin: il-kreditu huwa ħaġa, u l-privileġġ huwa ħaġ'oħra. Għalkemm il-privileġġ ma jistax jissussisti mingħajr il-kreditu, il-kreditu jista' jissussisti <u>indipendentement</u> mill-privileġġ. Kwindi minkejja li l-Artikolu 59 tal-Kap. 406, jipprovdi lid-Direttur Ġenerali bl-għodda meħtieġa ta' kif irendi t-taxxa u l-penali dovuta lilu eżegwibbli, u li wara jumejn min-notifika lil dik il-persuna permezz ta'

att ġudizzjarju, huwa jkollu d-dritt li jirreġistra nota ta' privileġġ għall-ammont mitlub, dan l-Artikolu għandu jinqara flimkien mal-Artikolu 62, in kwantu l-privileġġ speċjali jista' jsir fuq l-attiv li jagħmel sehem mill-attivita` ekonomika ta' persuna dwar kull taxxa dovuta minnha. Il-fatt li l-iskrizzjoni tal-privileġġ hija ristretta għall-attivita` ekonomika, kif appena spjegat, ma tnaqqas xejn mid-dritt ta' kreditu jew mit-titolu eżekuttiv li jkollu l-istess Direttur fil-konfront ta' diretturi (f'dan il-każ Sammut) jew rappreżentanti oħra ta' korp jew entita` ġuridika. Kwindi r-responsabbilta` personali u solidali ta' Sammut li jħallas it-taxxa dovuta lill-appellant tibqa' viġenti. Distinzjoni oħra li tirriżulta minn qari tal-istess provvedimenti tal-liġi hija li, filwaqt li l-Artikolu 59 jipprovdi għall-iskrizzjoni ta' privileġġ għall-ammont mitlub fl-att ġudizzjarju, li jitlob il-ħlas kemm tat-taxxa, kif ukoll ta' penali, l-Artikolu 62 jagħti jedd ta' privileġġ speċjali limitatament fuq it-taxxa li għandha titħallas.

19. Ġaladarba t-taxxa tal-VAT ma kinitx maħluqa minn attivita` ekonomika eżerċitata minn Jason Sammut fil-kapaċita` personali tiegħu, huwa ma kienx il-"persuna taxxabbli" fit-termini tal-Artikolu 5 tal-Kap. 406. Mix-xhieda prodotta in atti (ara xhieda ta' Dr. Andrew Borg Cardona u ta' Joseph Attard) din il-Qorti tinsab konvinta li l-fond li fuqu saret l-iskrizzjoni tal-privileġġ da parti tal-appellant ma kinitx tifforma parti la mill-attivita` ekonomika ta' Sammut u lanqas mill-attivita` ekonomika tas-soċjeta` Flower Power (Sales) Limited. Isegwi li l-proprjeta` personali ta' Jason Sammut ma tistax titqies bħala li tagħmel parti mill-attiv li jagħmel sehem mill-attivita` ekonomika ta' Flower Power (Sales)

Limited. Din il-Qorti taqbel mal-Bank appellat meta jingħad minnu li l-fatt li wieħed ikun direttur (f'dan il-każ Sammut) fih innifsu ma jaqax fit-tifsira ta' attivita` ekonomika u għalhekk ukoll, id-dar residenzjali tad-direttur tas-soċjeta` Flower Power (Sales) Limited, li kienet il-persuna taxxabbli mhix soġġetta għall-iskrizzjoni tal-privileġġ speċjali maħsub fl-Artikolu 62 tal-Kap. 406. Isegwi li din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fis-sentenza appellata u għalhekk l-appell in eżami ma jimmeritax li jintlaqa'.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi, tiċħad l-appell tal-konvenut appellant Direttur Ġenerali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u tikkonferma s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tas-17 ta' Ottubru, 2016, fil-kawża fl-ismijiet premessi fis-sħiħ, b'dan illi tordna lin-Nutar Louise Vella Bardon sabiex tippubblika l-att ta' kanċellament tal-imsemmi privileġġ speċjali sa mhux aktar tard mill-15 ta' Lulju, 2022. Bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellant Direttur Ġenerali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

| Mark Chetcuti | Joseph R. Micallef | Tonio Mallia |
|---|---|---|
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm